II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/965

tad-9 ta' Ġunju 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 fir-rigward tal-iskambju ta' rekords miżmuma minn persuni taxxabbli jew l-intermedjarji tagħhom u d-dežinjazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni ta' inkjesti amministrattivi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47 l (a) u (b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), li jipprevedi skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu ċerti servizzi, ġie emendat mid-Direttivi tal-Kunsill (UE) 2017/2455 ([3]) u (UE) 2019/1995 ([4]) biex jiġu estiżi l-iskemi speċjali.

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/194 ([5]), kienu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu b'distanza oġġetti u ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti ("skemi speċjali").

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 jistabbilixxi regoli dwar kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). B'mod aktar speċifiku, l-Artikoli 47i u 47j ta' dak ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 ([6]), jistabbilixxu l-miżuri neċessarji għall-kontroll tat-tranżazzjonijiet li jsiru minn persuni taxxabbli bl-użu ta' waħda mill-iskemi speċjali.

(4) L-iskemi speċjali jippermettu lill-persuni taxxabbli jiddikjaraw u jħallsu l-VAT għal ċerti provvisti ta' merkanzija u servizzi fl-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti (l-Istat Membru ta' identifikazzjoni) minflok ma jkollhom jirreġistraw, jiddikjaraw u jħallsu l-VAT f'kull Stat Membru li fih jipprovdu dik il-merkanzija jew is-servizzi (l-Istat Membru ta' konsum). L-Istat Membru ta' identifikazzjoni jibgħat id-denunzji tal-VAT u l-pagamenti lill-Istat Membru rispettiv tal-konsum. L-Istat Membru ta' konsum jenħtieġ li jkun jista' jivverifika l-korrettezza tal-provvisti ddikjarati u jawditja l-persuni taxxabbli billi jitlobhom jipprovdu rekords għal dawk il-provvisti.

([1]) ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/194 tat-12 ta' Frar 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward ta' skemi speċjali għal persuni taxxabbli li jipprovdu servizzi lil persuni mhux taxxabbli, li jbigħu b'distanza oġġetti u ċerti provvisti domestiċi ta' oġġetti (ĠU L 40, 13.2.2020, p. 114).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2454 tal-5 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 1).

(5) L-iskambji kollha ta' informazzjoni u rekords bejn l-Istati Membri jenħtieġ li jsiru bl-użu ta' netwerk sigur disponibbli fil-livell tal-Unjoni.

(6) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u rekords li jappartjenu għal tranżazzjonijiet magħmula minn persuni taxxabbli li jużaw waħda mill-iskemi speċjali, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jenħtieġ li jkun jista' jivverifika, meta jirċievi talba għal informazzjoni, li t-talba tappartjeni għal persuna taxxabbli li tuża waħda mill-iskemi speċjali, li hija l-persuna taxxabbli kkonċernata mit-talba u li tidentifika t-tip ta' rekords mitluba mill-Istat Membru tal-konsum.

(7) Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' informazzjoni u rekords lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni, il-persuni taxxabbli li jużaw waħda mill-iskemi speċjali jew l-intermedjarji tagħhom jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw formola standard f'format li jinqara. Dan jippermetti lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni jipprovdi tweġiba lill-Istat Membru ta' konsum fi żmien 30 jum mid-data li fiha tkun saret it-talba, f'konformità mal-Artikolu 47i(5) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(8) It-twettiq ta' inkjesti amministrattivi dwar persuni taxxabbli li jagħmlu użu minn waħda mill-iskemi speċjali jenħtieġ li ma joħloqx piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa għall-Istat Membru ta' identifikazzjoni. Għal dan il-għan, Stat Membru ta' identifikazzjoni jenħtieġ li jinforma minn qabel lill-Istati Membri l-oħra kollha dwar l-inkjesti amministrattivi li jikkonċernaw persuni taxxabbli li jużaw waħda mill-iskemi speċjali li biħsiebu jwettaq. Fl-avviż tiegħu, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jenħtieġ li jipprovdi biżżejjed dettalji lill-Istati Membri l-oħra biex ikunu jistgħu jidentifikaw il-persuna taxxabbli u l-ambitu tal-inkjesta amministrattiva maħsuba. L-avviż jenħtieġ li jagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri l-oħra biex jipprovdu tweġiba.

(9) Sabiex jippermettu funzjonament amministrattiv korrett tal-iskemi speċjali u jiffaċilitaw il-kontroll u l-awditjar ta' persuni taxxabbli li jagħmlu użu minnhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiskambjaw id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għall-koordinazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet f'kull Stat Membru biex jippermettu komunikazzjoni effiċjenti.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 jiġi emendat skont dan.

(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data bħad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE kif emendata bid-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995, u l-emendi korrispondenti li saru għar-Regolament (UE) Nru 904/2010 permezz tar-Regolament (UE) 2017/2454.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/194 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħlu l-Artikoli 6 a, 6b u 6c li ġejjin:

"*Artikolu 6a*

Skambju ta' rekords miżmuma minn persuni taxxabbli jew l-intermedjarji tagħhom

1. L-Istat Membru ta' konsum għandu jitlob rekords miżmuma minn persuna taxxabbli jew minn intermedjarju skont l-Artikoli 369, 369k u 369x tad-Direttiva 2006/112/KE mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni bl-użu tal-formola standard imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2866 (*). L-Istat Membru ta' konsum għandu jittrażmetti l-formola standard b'mezzi elettroniċi permezz tan-netwerk CCN/CSI.

L-Istat Membru ta' konsum għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja fil-formola standard:

(a) dikjarazzjoni li tindika li t-talba qed issir skont l-Artikolu 47i(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010;

(b) l-isem tal-persuna taxxabbli u l-isem tal-intermedjarju jekk jinħatar wieħed;

(c) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju fir-rigward tal-persuna taxxabbli rrappreżentata mill-intermedjarju;

(d) il-perjodi tat-taxxa koperti minn din it-talba;

(e) it-tip ta' rekords mitluba.

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrażmetti r-rekords miġbura mill-persuna taxxabbli jew l-intermedjarju ta' din tal-aħħar lill-Istat Membru ta' konsum bl-użu tal-formola msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019) 2866. Il-formola standard għandha tiġi trażmessa elettronikament permezz tan-netwerk CCN/CSI.

3. Il-messaġġ elettroniku li għandu jintbagħat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra skont l-Artikolu 47j(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) dikjarazzjoni li tindika li l-messaġġ elettroniku huwa mibgħut skont l-Artikolu 47j(1) jew (2) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010;

(b) l-isem tal-persuna taxxabbli u l-isem tal-intermedjarju jekk jinħatar wieħed;

(c) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju fir-rigward tal-persuna taxxabbli rrappreżentata mill-intermedjarju;

(d) il-perjodi tat-taxxa koperti mill-inkjesta amministrattiva maħsuba;

(e) l-ambitu tal-inkjesta amministrattiva maħsuba;

(f) id-data sa meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra għandhom jipprovdu tweġiba għall-messaġġ elettroniku.

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jibgħat il-messaġġ elettroniku lill-Istati Membri l-oħra bl-użu tan-netwerk CCN/CSI.

4. L-Istat Membru ta' konsum għandu jikkonsulta lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 47j(2) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 permezz tal-formola standard imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2019) 2866 u b'mod elettroniku permezz tan-netwerk CCN/CSI. L-Istat Membru ta' konsum għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja f'dik il-formola standard:

(a) l-isem tal-persuna taxxabbli u l-isem tal-intermedjarju jekk jinħatar wieħed;

(b) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT allokat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni lill-persuna taxxabbli jew lill-intermedjarju fir-rigward tal-persuna taxxabbli rrappreżentata mill-intermedjarju;

(c) il-perjodi tat-taxxa koperti mill-inkjesta amministrattiva maħsuba;

(d) l-ambitu tal-inkjesta amministrattiva maħsuba.

Jekk l-Istat Membru ta' identifikazzjoni jaqbel li jniedi inkjesta amministrattiva, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-messaġġ imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 6b

Formola standard għas-sottomissjoni ta' rekords miżmuma mill-persuna taxxabbli jew l-intermedjarju tagħha lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni

Il-formola standard imsemmija fl-Artikolu 47i(3) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandha ssegwi l-istruttura stabbilita fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6c

Dežinjazzjoni ta' awtorità kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni tal-inkjesti amministrattivi

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni f'kull Stat Membru tal-inkjesti amministrattivi fir-rigward ta' persuni taxxabbli li jużaw waħda mill-iskemi speċjali għandhom jinkludu l-isem, id-dipartiment, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika li għandhom jintużaw biex tiġi kkuntattjata dik l-awtorità kompetenti.

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni bl-użu tan-netwerk CCN/CSI.

_____

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2866 li tistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 f'dak li għandu x'jaqsam mal-formoli standard, mat-tiftix awtomatizzat ta' ċerta informazzjoni u mal-ftehim dwar il-livell tas-servizz.";

(2) jiżdied Anness IV ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS IV

Struttura XML għall-formola standard li tista' tintuża mill-kontribwent jew mill-intermedjarju tiegħu biex jissottometti r-rekords mitluba skont l-Artikolu 47i tar-Regolament (UE) Nru 904/2010

Dan l-Anness jistabbilixxi struttura XML għall-formola standard li l-kontribwenti jew l-intermedjarji tagħhom jistgħu jużaw biex jissottomettu r-rekords mitluba skont l-Artikolu 47i tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

Din l-istruttura tinkludi, għal kull qasam:

(a) indiċi tal-qasam, sabiex tiġi indikata l-ġerarkija ta' kull oġġett/qasam;

(b) indikatur "*" biex jiġi identifikat jekk il-qasam huwiex obbligatorju jew le. "**" tfisser li trid issir għażla bejn l-oqsma;

(c) isem tal-qasam;

(d) noti tekniċi, biex jiġi spjegat eżattament x'jenħtieġ li jimtela u kif;

(e) format u dimensjoni li jridu jiġu vvalidati fuq fajl tad-Definizzjoni ta' Skema XML (XML Schema Definition, XSD);

(f) meta rilevanti, referenzi għall-Artikolu 63c tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011*.

L-istruttura proposta fiha t-tabelli li ġejjin:

(1) Intestatura

(2) Fajls Prinċipali

  (2.1) Klijent

(3) Dokumenti Sors

  (3.1) Tranżazzjonijiet

  (3.2) Moviment tal-Merkanzija

1 **- * Intestatura**

It-tabella Intestatura fiha l-informazzjoni ġenerali relatata mal-kontribwent li għalih jirreferu r-rekords.

Indiċi tal-Qasam	**Meħtieġ**	**Isem tal-Qasam**	**Noti tekniċi**	**Format u Dimensjoni li jridu jiġu vvalidati fil-fajl XSD**	**Artikolu 63c**
1.1	*	SAF-OSSFileVersion	Identifikazzjoni tal-verżjoni SAF-OSS li qed tintuża.	String	
1.2	*	SAF-OSSFileDateCreated	Id-data tal-produzzjoni tal-SAF-OSS fil-format SSSS-XX-JJ.	Data	
1.3	*	SAF-OSSFileCountry	Kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri skont l-istandard ISO 3166-1 alfa 2. Eżempju, CA għall-Kanada. Dan il-qasam irid jimtela bil-kodiċi tal-pajjiż ta' oriġini tal-persuna taxxabbli.	String-2	
1.4	*	OSSVATRegistrationNumber	Irid jimtela bin-Numru ta' Reġistrazzjoni tal-VAT assenjat mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni (Member State of Identification, MSI).	String-12	

1.5	*	CompanyName	Dežinjazzjoni uffiċjali tal-isem tal-kumpanija jew tal-kontribwent.	Mhux applikabbli	
1.5.1	**	NameFree	L-isem f'format liberu.	String	
1.5.2	**	NameStruct		Mhux applikabbli	
1.5.2.1		PrecedingTitle	Titolu preċedenti, pereżempju "L-Eċċellenza Tagħha".	String	
1.5.2.2		Title	Il-lista ta' titoli, pereżempju "Sur", "Sna", "Dottore". Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
1.5.2.3	*	FirstName	L-isem.	String	
1.5.2.4		MiddleName	Il-lista tal-ismijiet sekondarji. Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
1.5.2.5		NamePrefix	Il-prefiss tal-isem pereżempju "von".	String	
1.5.2.6	*	LastName	Il-kunjom.	String	
1.5.2.7		GenerationIdentifier	Il-lista ta' identifikaturi tal-ġenerazzjoni, pereżempju "Junior", "Senior". Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
1.5.2.8		Suffix	Il-lista ta' suffissi, pereżempju, "PhD", "UOM". Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
1.5.2.9		GeneralSuffix	Suffiss ġenerali (pereżempju, "Irtirat").	String	
1.5.2.10		MaidenName	Kunjom preċedenti, pereżempju qabel iż-żwieġ.	String	
1.5.3		NameFree		String	
1.6		BusinessName	Dežinjazzjoni kummerċjali tal-persuna taxxabbli.	String	
1.7	*	StartDate	L-element StartDate jinkludi d-data tal-ewwel jum tal-perjodu ta' rapportar għal dan il-fajl XML fil-format SSSS-XX-JJ.	Data	
1.8	*	EndDate	L-element EndDate jinkludi d-data tal-aħħar jum tal-perjodu ta' rapportar għal dan il-fajl XML fil-format SSSS-XX-JJ.	Data	

1.9	*	CurrencyCode	Jidentifika l-munita standard li trid tintuża fl-oqsma tat-tip ta' munita, li hija "EUR".	String-3	
1.10		DataLocation	Irid jimtela bl-identifikazzjoni tal-fornitur ta' servizzi li tinżamm id-*data* fuqu u/jew bl-identifikazzjoni tal-parti terza li toħroġ dokumenti f'isem il-persuna taxxabbli. Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	Mhux applikabbli	
1.10.1		ProviderTaxID	Irid jimtela bin-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa/in-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa tal-fornitur ta' servizzi u/jew tal-parti terza li toħroġ dokumenti f'isem il-persuna taxxabbli.	String	
1.10.2		ProviderName	Irid jimtela bl-isem tal-fornitur ta' servizzi u/jew tal-parti terza li toħroġ dokumenti f'isem il-persuna taxxabbli.	String	
1.10.3		Country	Il-qasam irid jimtela skont l-istandard **ISO 3166-1-alfa-2.** Irid jimtela bil-kodiċi tal-pajjiż fejn tinżamm id-*data* u/jew bil-kodiċi tal-pajjiż ta' oriġini tal-parti terza.	String-2	
1.11		HeaderComment	Kummenti addizzjonali.	String	
1.12		Telephone	Il-kodiċi tat-telefon tal-pajjiż irid jimtela f'dan il-qasam. Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String-20	
1.13		Email	Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
1.14		Website		String	

2- *** Fajls Prinċipali**

2.1 **Klijent**

It-tabella Klijent fiha lista ta' klijenti.

Indiċi tal-Qasam	**Meħtieġ**	**Isem tal-Qasam**	**Noti tekniċi**	**Format u Dimensjoni li jridu jiġu vvalidati fil-fajl XSD**	**Artikolu 63c**
2.1.1	*	CustomerID	Il-lista tal-klijenti ma għandhiex tinkludi aktar minn reġistrazzjoni waħda bl-istess CustomerID.	String	

2.1.2		CustomerTaxID	Irid jimtela bin-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa/in-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa, jekk ikun magħruf.	String	
2.1.3		TaxCountryID	Irid jimtela bil-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri skont l-istandard ISO 3166-1 alfa 2 tal-pajjiż li pprovda n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa/in-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa.	String-2	
2.1.4		CustomerName	Għandha timtela' jekk rikjest u tkun inħarġet fattura.	Mhux applikabbli	1(j) 2(i)
2.1.4.1	*	NameType	Irid jimtela bi: "indiv" - Individwali (Individual) "alias" - Imsejjaħ mod ieħor (Otherwise called) "nick" - Laqam (Nickname) "aka" - Magħruf ukoll bħala (Also known as) "dba" - Jagħmel in-negozju bħala (Doing business as) "legal" - Isem legali (Legal name) "atbirth" - Fit-twelid (At birth) "unknown" - Jekk mhux magħruf, imla "mhux magħruf" (unknown)	String	
2.1.4.2	**	NameFree	L-isem f'format liberu.	String	
2.1.4.3	**	NameStruct		Mhux applikabbli	
2.1.4.3.1		PrecedingTitle	Titolu preċedenti, pereżempju "L-Eċċellenza Tagħha".	String	
2.1.4.3.2		Title	Il-lista ta' titoli, pereżempju "Sur", "Sna", "Dottore". Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
2.1.4.3.3	*	FirstName	L-isem.	String	
2.1.4.3.4		MiddleName	Il-lista tal-ismijiet sekondarji. Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
2.1.4.3.5		NamePrefix	Il-prefiss tal-isem pereżempju "von".	String	
2.1.4.3.6	*	LastName	Il-kunjom.	String	
2.1.4.3.7		GenerationIdentifier	Il-lista ta' identifikaturi tal-ġenerazzjoni, pereżempju "Junior", "Senior". Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	

2.1.4.3.8		Suffix	Il-lista ta' suffissi, pereżempju, "PhD", UOM. Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	
2.1.4.3.9		GeneralSuffix	Suffiss ġenerali (pereżempju, "Irtirat").	String	
2.1.4.3.10		MaidenName	Kunjom preċedenti, pereżempju qabel iż-żwieġ.	String	
2.1.4.4		NameFree		String	
2.1.5		BillingAddress	Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	Mhux applikabbli	1(j) 2(i)
2.1.5.1	*	BillingAddressID	Kjavi unika għal kull indirizz tal-kontijiet.	Numru sħiħ	
2.1.5.2	**	AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli). Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return). Jekk mhux magħruf, imla "Mhux magħruf"	String	
2.1.5.3	**	AddressStruct		String	
2.1.5.3.1		Street	L-isem tat-triq.	String	
2.1.5.3.2		BuildingIdentifier	L-identifikatur tal-bini fit-triq, normalment numru.	String	
2.1.5.3.3		SuiteIdentifier	L-identifikatur ta' uffiċċju jew parti simili ta' bini.	String	
2.1.5.3.4		FloorIdentifier	L-identifikatur ta' sular f'bini.	String	
2.1.5.3.5		DistrictName	L-isem tad-distrett tal-indirizz.	String	
2.1.5.3.6		POB	Il-kaxxa tal-uffiċċju postali.	String	
2.1.5.3.7		PostCode	Il-kodiċi postali (dan irid jiġi pprovdut jekk disponibbli).	String	
2.1.5.3.8	*	City	Jekk mhux magħruf, imla "Mhux magħruf"	String	
2.1.5.3.9		CountrySubentity	Żona ġeografika tal-pajjiż akbar mid-distrett jew mill-belt, pereżempju kontea, dipartiment, stat federali, canton.	String	

2.1.5.3.10		OtherLocalId	Xi komponent ieħor tal-indirizz.	String	
2.1.5.4		AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli). Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return).	String	
2.1.5.5	*	Country	Jekk il-pajjiż ikun magħruf, il-qasam irid jimtela skont l-istandard **ISO 3166-1-alfa-2.** Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-indirizz. Jekk mhux magħruf, imla "ZZ"	String – 2	
2.1.6		ShipToAddress	Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ. Irid jimtela bil-postijiet ta' kunsinna permanenti differenti magħrufa assoċjati mal-fajl tal-klijent. Jekk jissemma' post ta' kunsinna differenti f'dokument tat-trasport jew fattura li mhux se tkun fil-fajl tal-klijent għal użu futur, ma hemmx bżonn li jissemma f'dan l-element.	Mhux applikabbli	1(a) 1(k) 2(a) 2(j)
2.1.6.1	**	AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli). Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return).	String	
2.1.6.2	**	AddressStruct		String	
2.1.6.2.1		Street	L-isem tat-triq.	String	
2.1.6.2.2		BuildingIdentifier	L-identifikatur tal-bini fit-triq, normalment numru.	String	
2.1.6.2.3		SuiteIdentifier	L-identifikatur ta' uffiċċju jew parti simili ta' bini.	String	
2.1.6.2.4		FloorIdentifier	L-identifikatur ta' sular f'bini.	String	

2.1.6.2.5		DistrictName	L-isem tad-distrett tal-indirizz.	String	
2.1.6.2.6		POB	Il-kaxxa tal-uffiċċju postali.	String	
2.1.6.2.7		PostCode	Il-kodiċi postali (dan irid jiġi pprovdut jekk disponibbli).	String	
2.1.6.2.8	*	City		String	
2.1.6.2.9		CountrySubentity	Żona ġeografika tal-pajjiż akbar mid-distrett jew mill-belt, pereżempju kontea, dipartiment, stat federali, canton.	String	
2.1.6.2.10		OtherLocalId	Xi komponent ieħor tal-indirizz.	String	
2.1.6.3		AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli). Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return).	String	
2.1.6.4	*	Country	Il-qasam irid jimtela skont l-istandard **ISO 3166-1-alfa-2.** Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-indirizz.	String-2	
2.1.7		Telephone	Il-kodiċi tat-telefon tal-pajjiż irid jimtela f'dan il-qasam. Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String-20	
2.1.8		Email	Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.	String	

3- *** Dokumenti Sors**

3.1 - **Tranżazzjonijiet**

It-tabella Tranżazzjonijiet fiha lista ta' fatturi/tranżazzjonijiet tal-bejgħ. Id-dokumenti/It-tranżazzjonijiet ikkanċellati jenħtieġ li jintwerew sabiex tkun tista' tiġi vverifikata s-sekwenza tan-numerazzjoni tad-dokumenti. Ħlief għal linji mingħajr rilevanza fiskali, jiġifieri deskrizzjonijiet tekniċi, struzzjonijiet tal-installazzjoni u kundizzjonijiet ta' garanzija, il-linji kollha tad-dokumenti/tat-tranżazzjoni jenħtieġ li jiġu esportati.

Indiċi tal-Qasam	**Meħtieġ**	**Isem tal-Qasam**	**Noti tekniċi**	**Format u Dimensjoni li jridu jiġu vvalidati fil-fajl XSD**	**Artikolu 63c**
3.1.1	*	NumberOfEntries	Il-qasam irid ikun fih l-għadd totali ta' tranżazzjonijiet, inkluż dawk ikkanċellati.	Numru sħiħ	

3.1.2	*	TotalDebit	Il-qasam irid ikun fih l-ammont ta' kontroll tal-qasam DebitAmount, minbarra kwalunkwe tranżazzjoni kanċellata.	Monetarju	
3.1.3	*	TotalCredit	Il-qasam irid ikun fih l-ammont ta' kontroll tal-qasam CreditAmount minbarra kwalunkwe tranżazzjoni kanċellata.	Monetarju	
3.1.4		Transaction	Tranżazzjonijiet/dokumenti tal-bejgħ.	Mhux applikabbli	
3.1.4.1	*	TransactionNo	Numru uniku tat-tranżazzjoni/tad-dokument.	String	1(j) 2(i) 1(l) 2(k)
3.1.4.2	*	DocumentStatus		Mhux applikabbli	
3.1.4.2.1	*	TransactionStatus	Il-qasam irid jimtela bi: "**N**" - Normali (Normal); "**C**" - Dokument/tranżazzjoni kanċellat/a (Cancelled document/transaction).	String-1	
3.1.4.2.2	*	TransactionStatus-Date	Id-data tal-aħħar reġistrazzjoni tal-istatus tat-tranżazzjoni inkluż is-sieħa, il-minuta u s-sekonda: SSSS-XX-JJThh:mm:ss ± hh:mm	Data u Ħin	
3.1.4.2.3		Reason	Raġuni għall-bidla fl-istatus tat-tranżazzjoni.	String	
3.1.4.3		Period	Irid jimtela bit-trimestru tal-perjodu tat-tassazzjoni: T1.ssss, T2.ssss, T3.ssss, T4.ssss. Fir-reġim tal-importazzjoni imla x-xahar tal-perjodu tat-tassazzjoni: X1.ssss sa X12.ssss.	String-8	
3.1.4.4	*	TransactionDate	Id-data tal-ħruġ tat-tranżazzjoni ta' bejgħ fil-format SSSS-XX-JJ.	Data	
3.1.4.5	*	TransactionType	Il-qasam irid jimtela bi: "**TR**" - Tranżazzjoni ta' bejgħ (Sale transaction); "**RT**" - Tranżazzjoni ta' ritorn/kreditu (Return/credit transaction); "**IN**" - Fattura (Invoice); "**DN**" - Nota ta' debitu (Debit note); "**CN**" - Nota ta' kreditu (Credit note).	String-2	1(l) 2(k) 1(e) 2(e)

3.1.4.6	*	SystemEntryDate	Id-data tal-aħħar darba li r-rekord ġie ssejvjat qabel il-ħruġ tiegħu u trid tinkludi s-siegħa, il-minuta u s-sekonda: SSSS-XX-JJThh:mm:ss ± hh:mm Id-data tar-rekord tat-tranżazzjoni sas-sekonda.	Data u ħin	
3.1.4.7	*	BillingIndicators		Mhux applikabbli	
3.1.4.7.1	*	PartyBillingIndicator	Il-qasam irid jimtela bi: 0 - Jekk jikkonċerna tranżazzjonijiet/fatturi maħruġa mill-persuna taxxabbli; 1 - Għal tranżazzjonijiet/fatturi maħruġa f'isem il-persuna taxxabbli minn parti terza.	Numru sħiħ	
3.1.4.7.2	*	SourceBilling	Kull kjavi unika tidentifika programm ta' fatturazzjoni differenti fejn "0" tidentifika t-tranżazzjonijiet/il-fatturi maħruġa mill-programm ta' fatturazzjoni li jiġġenera l-SAF-OSS. Il-kjavi li jifdal jidentifikaw it-tranżazzjonijiet/fatturi maħruġa fi programmi oħra ta' fatturazzjoni li ġew integrati fil-programm ta' fatturazzjoni li jiġġenera l-SAF-OSS.	Numru sħiħ	
3.1.4.8	*	CustomerID	Il-kjavi unika tat-tabella tal-klijenti [Klijent] li tirrispetta r-regola ddefinita għall-CustomerID.	String	
3.1.4.9		OSSScheme	Irid jimtela bi: 0 - skema mhux tal-Unjoni; 1 - skema tal-Unjoni; 2 - skema ta' importazzjoni; 9 - Bejgħ ieħor [bejgħ li ma jsirx skont l-iskemi msemmija hawn fuq];	Numru sħiħ	
3.1.4.10		MSC	Informazzjoni dwar il-post tal-konsum.	Mhux applikabbli	1(a) 2(a)
3.1.4.10.1	*	Country	Dan il-qasam irid jimtela skont l-istandard **ISO 3166-1-alfa-2**.	String-2	
3.1.4.10.2	*	CustomerLocation	Irid jimtela bl-evidenza kollha użata fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet anki jekk, fl-aħħar mill-aħħar, ikun ntuża wieħed biss biex jiġi ddeterminat il-pajjiż tal-konsum.	Mhux applikabbli	

			Jekk ikun hemm bżonn li ssir aktar minn referenza waħda, dan l-element jista' jiġi ġġenerat kemm-il darba jkun meħtieġ.		
3.1.4.10.2.1	*	EvidenceforCustomerLocation	Irid jimtela bi: A - L-indirizz tal-kontijiet tal-klijent B - L-indirizz IP jew il-ġeolokalizzazzjoni; C - Id-dettalji bankarji; D - Il-kodiċijiet tal-pajjiżi mobbli jew is-SIM card użata mill-klijent; E - Il-post tal-linja fissa użata għas-servizz; F - Mezzi oħra; G - Il-post ta' kunsinna; H - Servizzi oħra ta' pagament; I - Il-karta tal-identità/passaport.	String-1	1(k)
3.1.4.10.2.2	*	LocationEvidence	Irid jimtela bl-evidenza li għamlitha possibbli li jiġi ddeterminat il-pajjiż tal-konsum skont il-qasam "EvidenceforCustomerLocation", eż., l-Indirizz IP, in-numru tat-telefon bil-kodiċi tal-pajjiż tat-telefon, in-Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBAN) jew referenza oħra tas-servizz ta' pagament użat, eċċ. Meta l-indirizz tal-kontijiet jintuża bħala evidenza, dan il-qasam irid jimtela b'waħda mill-kjavi uniċi tal-ID tal-Indirizz tal-Kontijiet mit-tabella Klijent. Jekk il-post tal-konsum jiġi ddeterminat mill-post ta' kunsinna, dan il-qasam irid jimtela bl-istring "Post ta' kunsinna" u l-element ShipToAddress 3.1.4.10.3 irid jimtela bl-indirizz.	String	
3.1.4.10.2.3	*	LocationEvidenceIndicator	Il-qasam irid jimtela bi: 0 - Jekk l-evidenza tiġi skartata matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet; 1 - Jekk l-evidenza tintuża matul il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.	Numru sħiħ	
3.1.4.10.3		ShipToAddress	Informazzjoni dwar il-post ta' kunsinna fejn il-merkanzija jew is-servizzi jkunu saru disponibbli għall-klijent jew għal kull min ikun għażel il-klijent.	Mhux applikabbli	1(k) 2(j)

3.1.4.10.3.1	**	AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli). Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return).	String	
3.1.4.10.3.2	**	AddressStruct		Mhux applikabbli	
3.1.4.10.3.2.1		Street	L-isem tat-triq.	String	
3.1.4.10.3.2.2		BuildingIdentifier	L-identifikatur tal-bini fit-triq, normalment numru.	String	
3.1.4.10.3.2.3		SuiteIdentifier	L-identifikatur ta' uffiċċju jew parti simili ta' bini.	String	
3.1.4.10.3.2.4		FloorIdentifier	L-identifikatur ta' sular f'bini.	String	
3.1.4.10.3.2.5		DistrictName	L-isem tad-distrett tal-indirizz.	String	
3.1.4.10.3.2.6		POB	Il-kaxxa tal-uffiċċju postali.	String	
3.1.4.10.3.2.7		PostCode	Il-kodiċi postali (dan irid jiġi pprovdut jekk disponibbli).	String	
3.1.4.10.3.2.8	*	City		String	
3.1.4.10.3.2.9		CountrySubentity	Żona ġeografika tal-pajjiż akbar mid-distrett jew mill-belt, pereżempju kontea, dipartiment, stat federali, canton.	String	
3.1.4.10.3.2.10		OtherLocalId	Xi komponent ieħor tal-indirizz.	String	
3.1.4.10.3.3		AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli). Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return).	String	
3.1.4.10.3.4	*	Country	Il-qasam irid jimtela skont l-istandard **ISO 3166-1-alfa-2.** Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-indirizz.	String-2	
3.1.4.10.4		ShipFromAddress	Informazzjoni dwar il-post tal-vjeġġ tal-oġġetti mibjugħa lill-klijent.	Mhux applikabbli	1(k) 2(j)
3.1.4.10.4.1	**	AddressFree	L-indirizz f'format liberu (dan irid jinkludi l-kodiċi postali jekk disponibbli).	String	

			Jekk ikun hemm AddressFree, dan irid jinkludi l-indirizz, kif jenħtieġ li jidher fuq envelopp b'kull linja sseparata b'karattru ta' ritorn (carriage return).		
3.1.4.10.4.2	**	AddressStruct		Mhux applikabbli	
3.1.4.10.4.2.1		Street	L-isem tat-triq.	String	
3.1.4.10.4.2.2		BuildingIdentifier	L-identifikatur tal-bini fit-triq, normalment numru.	String	
3.1.4.10.4.2.3		SuiteIdentifier	L-identifikatur ta' uffiċċju jew parti simili ta' bini.	String	
3.1.4.10.4.2.4		FloorIdentifier	L-identifikatur ta' sular f'bini.	String	
3.1.4.10.4.2.5		DistrictName	L-isem tad-distrett tal-indirizz.	String	
3.1.4.10.4.2.6		POB	Il-kaxxa tal-uffiċċju postali.	String	
3.1.4.10.4.2.7		PostCode	Il-kodiċi postali (dan irid jiġi pprovdut jekk disponibbli).	String	
3.1.4.10.4.2.8	*	City		String	
3.1.4.10.4.2.9		CountrySubentity	Żona ġeografika tal-pajjiż akbar mid-distrett jew mill-belt, pereżempju kontea, dipartiment, stat federali, canton.	String	
3.1.4.10.4.2.10		OtherLocalId	Xi komponent ieħor tal-indirizz.	String	
